**PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 10 ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) fid-9.00 a.m.**

**Nru: 1.**

**Citaz. Nru: 171/95 VDG**

**Pauline Ahmed nee` Bugeja**

**v.**

**Shafik Farid Shafik Ahmed**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezenta minn Pauline Ahmed nee' Bugeja fis-6 ta' Frar, 1995, kif sussegwentement korretta bid-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Jannar, 1998 (fol. 90), fejn hija ppremettiet illi l-partijiet ghamlu cerimonja taz-zwieg bejniethom skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg (fol. 5) li jgib in-numru 100/1994; l-attrici ppremettiet ukoll illi b'din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dana peress li l-istess kuntratt kien vizjat, kif previst mill-Artikolu 19(1) tal-Kap 255, minhabba --

(A) li l-kunsens taghha gie mehud b' qerq dwar kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga; u

(B) li l-kunsens tal-konvenut (mhux tal-attrici, ara d-digriet aktar 'l fuq imsemmi) inkiseb b'esklusjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Premess dan, l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

> "Tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 100 tal-1994 hu null u bla effett, u dan kif previst fl-Artikolu 19 tal-Kap 255, minhabba precipwament [**sic!**] (a) li l-kunsens tal-attrici giet mehud b' qerq dwar kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga; u (b) li l-kunsens tal-<u>konvenut</u> [ara d-dgriet aktar 'l fuq imsemmi] inkiseb bl-eskuzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg. Bl-ispejjez ghall-kontroparti konvenuta, li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.";

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut, minnu ppresentata fil-5 ta' Dicembru, 1995, li permezz taghha huwa eccepixxa illi t-talba attrici ghall-annullament taz-zwieg tal-kontendenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici billi z-zwieg in kwistjoni kien kontrattat mill-kontendenti regolarment u validament;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet ix-xhieda u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkonsidrat:

1. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel punt li ghandu jigi rizolt hu dak sollevat mill-konvenut permezz tar-rikors tieghu tat-13 ta' Novembru, 1997 (fol. 87). Il-konvenut qed jikkontendi li l-validita` o meno taz-zwieg in kwistjoni, in kwantu qed jigi allegat li l-kunsens <u>tieghu</u> kien ivvizjat (it-tieni kawzali, simulazzjoni), ghandha tigi determinata skond il-ligi tad-domicilju tieghu, u cioe` skond il-ligi egizzjana. Hu jikkontendi li t-tieni kawzali tissolleva l-kwistjoni tal-<u>kapacita`</u> tieghu li jikkontratta z-zwieg, kapacita` li skond l-Artikolu 18(b) tal-Kap. 255 ghandha tigi deciza skond "il-ligi tal-pajjiz tad-domicilju rispettiv" tal-partijiet. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx. B'kapacita` tal-partijiet ghaz-zwieg wiehed ghandu jifhem dawk il-pre-rekwiziti oggettivi li jridu jkunu jezistu fil-parti sabiex dik il-parti tkun tista' <u>tersaq ghaz-zwieg</u> u sabiex tkun tista' <u>validament tikkontratta</u>, bhal, per ezempju, l-eta`, kapacita` mentali jew fizika, qrubija bid-demm jew biz-zwieg mal-parti l-ohra, stat jew rabta ohra pre-ezistenti, ecc. Is-simulazzjoni necessarjament tippresumi li persuna setghet tersaq ghaz-zwieg u setghet validament tikkontratta izda, b'ghazla taghha, iddecidiet li fil-fatt ma tikkontrattax validament. Fil-fehma tal-Qorti il-kwistjoni tas-simulazzjoni prevista taht il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 la hija kwistjoni ta' mera formalita` u anqas kwistjoni ta' semplici kapacita` ta' parti jew ohra, izda hija kwistjoni ta' <u>validita` essenzjali taz-zwieg</u> li ghandha tigi deciza skond il-ligi tal-pajjiz

li mieghu dak iz-zwieg (jew presunt zwieg) ghandu l-aktar rabta reali u sostanzjali – fi kliem Lord Simon of Glaisdale, fil-kaz ***Vervaeke v. Smith*** [1983] 1 A.C. 145, 165-166, "the law of the territory with which the marriage has the most real and substantial connection" (ara Dicey & Morris ***The Conflict of Laws***, 11th. ed., Stevens & Sons (London), 1987, Vol. 2, p. 646). Fil-prattika, il-post "with which the marriage has the most real and substantial connection" ikun il-post tad-domicilju matrimonjali ("the place of the intended matrimonial home" jew "intended matrimonial domicile").

*"This criterion,"* kompla jghid l-imsemmi Law Lord, *"of a real and substantial connection seems to me to be useful and relevant in considering the choice of law for testing, if not all questions of essential validity, at least the question of the sort of quintessential validity in issue in this appeal – the question which law's public policy should determine the validity of the marriage. The territorial law with which a marriage has the most real and substantial connection will often be the law of the prospective matrimonial home....Undoubtedly in the instant case, England was the territory with which the marriage had the most real and substantial connection: the ceremony was in England, the "husband" was of English domicile and British nationality, the "wife" was to assume British nationality and take advantage of it and she was to become permanently resident in England. There was indeed no other territorial law with which the marriage had any real or substantial connection"* (p. 166).

Il-kriterju tad-domicilju matrimonjali gie suggerit f'kawzi ohra mill-qrati inglizi sabiex jigu risolti problemi konnessi mal-validita` essenzjali ta' zwieg. Hekk, per ezempju, fil-kaz ***De Reneville v. De Reneville*** [1948] 1 All E.R. 56, 65, Lord Justice Bucknill esprima ruhhu hekk:

*"To hold that the law of the country where each spouse is domiciled before the marriage must decide as to the validity of the marriage in this case might lead to the deplorable result, if the laws happened to differ, that the marriage would be held valid in one country and void in the other country. For this reason I think it essential that the law of one country should prevail, and that it is reasonable that the law of the country where the ceremony of marriage took place and where the parties intended to live together and where they in fact lived together should be regarded as the law which controls the validity of their marriage".*

Cheshire u North, fit-tmien edizzjoni tal-ktieb ***Private International Law***, Butterworths (London), 1970, jaghtu ezempju iehor (pagna 317):

*"A further judgment which shows a similar trend is that of Denning, L.J., in* Kenward v. Kenward [1950] 2 All E.R., *where he affirmed, with no ambiguity, that the "substantial validity" of a marriage contracted between persons domiciled in different countries is governed by the law of the country where they intend to live and on the basis of which they have agreed to marry."*

Fil-kaz odjern ma hemmx dubbju li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg, jew presunt zwieg, taht il-ligi maltija, jigifieri billi invokaw, quddiem ir-Registratur taz-Zwieg u fil-11 ta' Frar, 1994 (ara c-certifikat Dok. A a fol. 5 tal-atti), il-ligi maltija. Ic-cerimonja saret f'Malta, u kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut baqghu jghixu – u ghadhom jghixu sal-lum – Malta. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li z-zewg difetti tal-kunsens prospettati mill-attrici – il-qerq perpetrat bil-hsieb li jinkiseb, u li fil-fatt ikun incida fuq, il-kunsens taghha[1], kif ukoll is-simulazzjoni – ghandhom jigu ezaminati taht, u decizi skond, il-ligi maltija. Biex tikkonkludi fuq dan il-punt din il-Qorti tosserva li anke jekk wiehed kellu japplika, bhalma jidher li l-Qorti ta' l-Appell applikat fil-kaz ***Antoinette El Sadig v. Avukat Dottor Paul Lia noe. et***, 14 ta' Settembru, 1988, il-*lex loci celebrationis* biex tiddetermina l-validita` essenziali taz-zwieg[2], il-konkluzzjoni tkun l-istess, u cioe` li l-kaz *de quo* ghandu jigi ezaminat skond il-ligi maltija.

2. Il-kwistjoni principali f'dan il-kaz, marbuta mat-tieni kawzali, hi jekk il-konvenut izzewwigx lill-attrici semplicement ghall-konvenjenza, u cioe` biex ikun jista' jibqa` Malta u jakkwista c-cittadinanza, passaport malti, kif ukoll sabiex ikun jista' jibqa' jahdem hawn Malta, jew inkella zzewwighiex biex jifforma nukleju familjari, bl-elementi essenzjali kollha tal-hajja mizzewga kif mifhuma fil-ligi maltija. Din il-Qorti taghmilha cara mill-ewwel li hija ftit li xejn tista' taghti kredibbilita` lil dak li jghid il-konvenut, u dan peress li l-istess konvenut xehed il-falz bil-gurament quddiem din il-Qorti. In fatti, fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 1996, il-konvenut xehed hekk (fol. 36-37):

*"Mistoqsi jekk jien qattx tressaqt il-Qorti hawn Malta, ghaliex jien bqajt Malta minghajr permess, jien inwiegeb li le, qatt ma tressaqt il-Qorti minhabba f'hekk. Jien nghid li jien qatt ma tressaqt il-Qorti fuq xejn. Qed nigi mistoqsi jekk qattx kont il-*

[1] Dwar ir-rekwiziti tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19, ara ***Mary Farrugia v. Joseph Farrugia***, P.A. 13 ta' Marzu, 1995.

[2] Fil-kaz ***Antoinette El Sadig v. Avukat Dottor Paul Lia noe. et*** il-kwistjoni ta' liema ligi hi applikabbli ma tqajjmitx specifikatament minn parti jew ohra; il-Qorti ta' l-Appell semplicement iddisponiet mill-kwistjoni a bazi tal-ligi maltija. Fil-kaz ***Maria Carmela sive Carmen Zinn v. Avukat Dottor Tonio Mallia noe. et***, Prim Awla, 14 ta' Awissu, 1995, il-kwistjoni ta' liema ligi hi applikabbli tqajjmet *ex officio* mill-Qorti. Ghalkemm f'din is-sentenza jinghad, *en passant*, li kwistjonijiet ta' "essential validity" huma regolati bil-ligi tad-domicilju tal-partijiet, il-kwistjoni ma gietx ezaminata fil-fond; il-Qorti applikat il-ligi maltija peress li ma kienx gie ppruvat li l-ligi barranija kienet differenti minn dik maltija.

*Habs hawn Malta, jigifieri jekk qattx dhalt fil-Habs ta' Malta. Jien inwiegeb le qatt ma kont il-Habs. Lanqas niftakar ix-xahar li gejt fih hawn Malta xi tlett snin ilu. L-ewwel darba li gejt Malta tlett snin ilu, kont bqajt Malta xi xaharejn jew tlett xhur. Imbghad wara sifirt. Kont tlaqt lura lejn l-Egittu. Wara xi xahar kont gejt lura Malta. F'din it-tieni okkazzjoni kont [b']viza ta' tlett xhur, u qabel ma spiccat din il-viza kont iltqajt mal-mara tieghi u bqajna flimkien xi xahar jew xaharejn u ghidtilha biex nizzewgu….Qed jigi suggerit lili li minn mindu gejt Malta it-tieni darba sakemm jien u Pauline izzewwigna, kienu ghaddew aktar minn tlett xhur. Jien nghid li ma nahsibx li kien hekk. Qabel ma zewwigt lil Pauline qatt ma ghidtilha li kelli problemi biex nghix hawn Malta."* (sottolinear tal-Qorti).

U fid-deposizzjoni tieghu tas-7 ta' April, 1997 quddiem l-Assistant Gudizzjarju, il-konvenut qal hekk (fol. 68):

*"Jien bdejt l-idea li nizzewgu u l-idea kienet accettata mit-tnejn. Konna ghaddejjin tajjeb flimkien. Mistoqsi kontx naf kellix problemi dwar il-qaghda tieghi hawn Malta jiena nghid li le."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Mid-deposizzjoni ta' l-Ispettur tal-Pulizija Neville Xuereb ta' l-1 ta' Lulju, 1996 (fol. 57-60), invece, jirrisulta li l-konvenut kien tressaq il-Qorti fid-19 ta' Dicembru, 1992 talli kien qieghed jahdem bla permess f'Malta. Hu nghata piena ta' hmistax-il gurnata prigunerija, u sar "removal order", b'mod li kif appena skonta l-prigunerija huwa tnehha minn Malta. Kif xehed l-istess Spettur, ghalkemm persuna li tkun tnehhiet minn Malta suppost ma tergax tidhol lura Malta, b'xi mod il-konvenut rega' sab ruhu Malta. Mid-deposizzjoni ta' l-attrici (fol. 17) jirrizulta li, wara z-zwieg, il-konvenut kien ammetta maghha li hu kien gie arrestat u ddeportat. Mid-deposizzjoni taghha wkoll (fol. 16-17, u fol. 61 sa 63), kif ukoll mid-deposizzjoni ta' ommha, Giovanna Bugeja (fol. 26) u ta' Lorenza Pullicino (fol. 51 sa 56) jirrizulta li ftit granet qabel ma kellhom jizzewgu, il-pulizija ta' l-immigrazzjoni riedu jkellmu lill-konvenut izda dan ma riedx imur ikellimhom, evidentement ghax kien jaf li qieghed Malta illegalment u kienu jergghu jiddeportawh. In fatti kienet l-attrici li kienet hadet l-izbriga li tmur ghand avukat li kien ghamlilha karta

*"….fejn kien fisser li jien u l-konvenut kien ghad baqghalna ftit gimghat biex nizzewgu. Din il-karta kont hadtha lill-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni biex nipprova nikkonvincihom li bhal speci lil konvenut ma jigbruhx, pero` huma qaluli li mhux din il-karta riedu imma riedu li l-konvenut jigi jkellimhom personalment."* (fol. 62-63).

Ghalhekk altru milli kien jaf il-konvenut li kellu problemi biex jibqa' Malta qabel ma fil-fatt izzewweg. Fid-dawl ta' dan il-gideb bil-gurament tal-konvenut, din il-Qorti ma tarax li tista' toqghod fuq xi haga milli jghid. Hekk, per ezempju, fid-deposizzjoni li ta quddiem l-Assistant Gudizzjarju fis-7 ta' April, 1997 (fol. 66 sa 68) hu jipprova jpingi lilu nnfisu bhala li kien hawn Malta bhala turist, u li fl-Egittu kellu xoghol tajjeb u li jirrendi l-flus, u li wara li jizzewweg kien anke lest li jmur lura l-Egittu. Kif inghad, din il-Qorti ma temminx kelma minn dan kollu.

3. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-konvenut kien Malta illegalment, u li fil-fatt il-hsieb ewlieni tieghu kien li jibqa' Malta, u propju biex ikun jista' jaghmel hekk irnexxilu jikkonvinci lill-attrici biex tizzewgu kemm jista' jkun malajr. Kif fissret l-attrici (fol. 15-16) wara biss tlett gimghat li kienu ilhom johorgu flimkien, il-konvenut talabha biex jizzewgu. Hi qaltlu li kien kmieni wisq u li ma kienux ghadhom jafu lil xulxin sew, pero` hu baqa' jinsisti u fl-ahhar hi accettat. Minn mindu ltaqghu l-ewwel darba sa meta zzewgu ghaddew biss tlett xhur. L-attrici tghid li qabel iz-zwieg il-konvenut kien qalilha li hu kien jahdem ma' Fino bhala *labourer*.

*"Shafik kien jurini,"* tghid l-attrici (fol. 24), *"li hu xtaq jibqa' hawn Malta kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg. Hu kien jghid li f'pajjizu ma hemmx futur. Ir-raguni li kien jghidli li jrid jibqa' hawn Malta kienet il-ghaliex f'pajjizu ma kienx hemm futur."*

L-attrici tfisser ukoll li xi xaharejn jew xaharejn u nofs wara z-zwieg, il-konvenut ried imur l-Egittu biex jara lil missieru li kien marid (fol. 17). Tispjega wkoll li hu kien gab il-permess biex jahdem hawn Malta wara z-zwieg (fol. 18), u li wara z-zwieg ukoll (anzi propjament wara li kien gie lura mill-Egittu) kien qalilha li kien irid jibqa' jghin finanzjarjament lill-familja tieghu li kienet fqira u li ried igib lil huh jghix Malta (fol. 19). Dan huh gie f'Dicembru, 1994.

*"Meta gie huh, zewgi sablu post Bugibba, u spicca li zewgi kien beda jqatta' hafna zmien ma' huh, kwazi kwazi jekk mhux iktar iqatta' mieghu milli mieghi. Anke fil-weekends kien jorqod hemmhekk ghand huh. Ghandi nghid li meta konna qabel iz-zwieg, gieli jien kont inkellmu fuq il-familja li jien xtqat nibni fis-sens rigward tfal u mhux tfal. Jien dak iz-zmien Shafik qatt ma tani x'nifhem li hu ma riedx tfal. Qabel iz-zwieg gieli kont nipprova inkellmu fuq dan is-suggett, biex nippruvaw niffurmaw familja, pero` hu dejjem jghidli "mhux ghalissa, mhux ghalissa"."* (fol. 19).

*"Ghandi nghid li qabel ma gie huh mill-Libja Shafik kien ikun id-dar, pero` kien ikun id-dar minghajr ma jkellimni. In fatti mhux l-ewwel darba li mmur ninqafel f'kamarti u*

*lilu inhallih jara t-television fil-kwiet, ghax ma kienx ikun irid ikellimni. Kien wara li gie huh, li beda jqatta' aktar zmien ma' huh. Lill-hbieb jien ma kontx nilmenta hafna li jmur jarahom, ghax wara kollox nifhem li anke biex ikellem nies bil-lingwa tieghu, ikun hemm il-htiega li johrog ftit. Pero` li lili jwarrabni fil-genb, b'dak il-mod, jien ma kontx nista' naccettaha."* (fol. 21).

4. Omm l-attrici, Giovanna Bugeja, tikkonferma sostanzjalment il-versjoni ta' bintha, u in partikolari tispjega b'mod car il-bidla fil-konvenut appena gab id-dokumenti biex ikun jista' jibqa' Malta[3]:

*"Qed nigi mistoqsija jekk kienx hemm xi kambjament fl-attitudini ta' Shafik fil-konfront taghna. Jien nghid li ghal bidu qabel ma gab id-dokumenti li kellu bzonn biex joqghod hawn Malta, hafna zeghil, kemm inhobbok ma u kemm inhobbok ma, pero` imbghad wara li gab id-dokumenti mehtiega lilna lkoll beda bhal speci jwarrabna. Din il-bidla tieghu wara li hu gab il-karti jien certa minnha. Difatti qabel kien iqatta hafna zmien jitkellem ma' zewgi, pero' wara, malli gab dawn id-dokumenti, aktar kien barra milli gewwa. Naf li matul is-Sibt u anke il-Hadd, meta t-tifla tieghi kienet tkun fuq xoghol, u hu ma kienx ikun xoghol, kien iqatta hafna zmien il-Monti. Fil-granet jew fil-hinijiet meta t-tifla kienet tkun id-dar, kien hemm okkazzjonijiet meta t-tifla kienet tissakkar fil-kamra tas-sodda, u lilu thallih jara t-television u meta nghidilha ghaliex mhux hdejh, kienet tghidli ghaliex irid joqghod wahdu….Meta gie huh minn barra, kif ga ghidt, Shafik beda jitraskura lit-tifla tieghi, fis-sens li jigi mix-xoghol, jaqbad u johrog. F'okkazzjoni minnhom wara li kien gie huh, niftakar li Shafik kien qalli li l-familja tieghu tigi l-ewwel. Jien ghidtlu li l-ligi taghna mhux hekk, lil ommok u lil missierek ghandek thobbhom, pero` ghandek lil martek l-ewwel lilha. Semplicement baxxa rasu u qalli le, l-ewwel il-familja u hija. Meta huh gie jghix Malta jien naf li Shafik kien iqatta' l-weekends ma jersaqx lejn id-dar ghaliex il-Gimgha u s-Sibt u l-Hadd iqattaghhom nimmagina ma' huh."* (fol. 27-29).

Punt iehor li wiehed ta minn isemmi hu li l-konvenut cahad li hu qatt qal lil martu li ried jibghat flus lill-familja tieghu fl-Egittu (fol. 38), mentri mid-deposizzjoni tal-attrici, li hija ferm aktar kredibbli, jirrisulta li hija kienet gibditlu l-attenzjoni dwar dan il-fatt:

*"Fil-fatt ghalkemm jien kont disposta li noqghod nghin lill-familja tieghu billi nibghatilhom xi haga kull xahar, sibt li zewgimhux xi ghoxrin lira fix-xahar ried*

---

[3] Mid-deposizzjoni ta'l-Ispettur N. Xuereb jidher li dawn id-dokumenti gabhom f'xi zmien wara t-28 ta' Gunju, 1994 – ara fol. 59.

*jibghatilhom, izda ried jibghatilhom kwistjoni ta' mijiet ta' liri, li jien naturalment u lanqas huwa, ma konna nifilhu li nibghatu daqshekk flus barra ghall-familja tieghu."* (fol. 18).

*"Jien ghandi nippreciza li wara li zzewwigna gieli gbidtlu l-attenzjoni dwar il-flus li kien jibghat lill-familja tieghu, pero` hu kien jghidli li l-ewwel il-familja u imbghad ahna. Qabel iz-zwieg makienx jghidli li l-familja tieghu kienet tigi l-ewwel."* (fol. 22).

F'okkazzjoni minnhom, wara li huwa dahal tard id-dar fejn il-partijiet kienu jghixu – bieb ma' bieb mal-genituri tal-attrici, pero` d-djar kienu jinfdu internament – l-attrici u ommha keccewh 'l barra. Minn dak iz-zmien il-kontendenti ma baqghux jghixu aktar flimkien. B'kollox il-kontendenti ghamlu sena jghixu, wara z-zwieg, taht l-istess saqaf. Fis-6 ta' Frar, 1995 l-attrici pproponiet il-kawza odjerna.

5. Din il-Qorti hi sodisfatta li l-attrici ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, jigifieri sal-grad tal-probabbilita`, li r-raguni vera ossia predominanti b'mod li twarrab skopijiet ohra, ghala l-konvenut resaq ghaz-zwieg kienet sabiex ikun jista' jibqa' Malta u jahdem hawn, u mhux biex jintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet li jitnisslu minn tali zwieg. Kif jispjega il-gurista Francesco Bersini:

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da* escludere *con atto positivo di volonta` lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita` vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto positivo di volonta`, almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe` diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita`, scopi di libidine, ecc….L'esclusione del matrimonio si puo` verificare soprattutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta` prevalente, come potrebbero essere i miraggi di un vantaggio economico…."* (***Il Diritto Canonico Matrimoniale***, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tfisser fis-sentenzi taghha tal-10 ta' Ottubru, 1995 u tas-16 ta' Jannar, 1998 fl-ismijiet ***Josephine Grech v. Mahmoud Awwada sive***

***Mahmoud Ali Ibida*** u ***Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila v. Louay Ramadan Wahba Mabrouk*** rispettivament, meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun; pero` tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament. Fi kliem il-gurista Castano:

*"….l'atto* positivo *della volonta` non s'identifica con l'intenzione* espressa *o* esplicita, *ma l'atto della volonta` puo` essere* positivo *ed essere manifestato* implicitamente. *Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l'atto positivo richiesto dal canone*[4] *puo` essere emesso anche con intenzione* implicita, *vale a dire mediante il* modo di comportarsi *del soggetto che esclude, o mediente l'*insieme di circostanze *della vita del medesimo soggetto. La volonta`, oltre il modo* espresso *o* esplicito *di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E' per questo che la volonta` puo` essere ritenuta una* facolta` poliglotta *e quindi parla attraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia* espressamente*."* (Castano, J.F., ***Il Sacramento del Matrimonio***, Roma, 1992, p.385).

Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha, kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabbilita`, li kien hemm l-eskluzjoni posittiva msemmija.

6. Din il-Qorti ma tarax, ghalhekk, li ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tad-*dolo* (l-ewwel kawzali).

7. Ghall-motivi premessi, din il-Qorti taqta' w tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Frar, 1994 (Att ta' Zwieg 100/1994) null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

---

[4] Kan. 1101(2) li hu, tista' tghid, identiku ghall-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255.

8. U peress li din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut xehed il-falz f'dawn il-proceduri kif imfisser fil-paragrafu 2, tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi mibghuta mir-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan jaghmel l-investigazzjonijiet u jiehu l-passi li jidhirlu opportuni.

(ft) Vincent Degaetano
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur